**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

GUDIKATUR
DR MARSETTE PORTELLI XERRI LL.D.
LL.B, N.P, LL.D, M.A., Dip. Tesol (Trinity)

**Seduta ta' nhar il-Gimgħa, 12 ta' April, 2024**

Kawza Numru: 10/2021 (MPX)

**Mohammed Darwish**

**-vs-**

**Anas Alahmad**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba li permezz tieghu qed jitlob il-hlas ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500), ghal xoghlijiet rezi lill-konvenut fi Triq Enrico Mizzi, Rabat, Ghawdex, u li huwa intitolat ghalih, liema somma hija certa, likwida u dovuta.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha laqa' ghat-talbiet attrici kif gej:

1. Illi, preliminarjament, il-kawza hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi, subordinarjament, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti u dawk sussegwenti, ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenut, u ghalhekk il-konvenut ghanouj jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti u dawk sussegwenti, l-ebda ammont ma huwa dovut mill-konvenut lill-attur;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti u dawk sussegwenti, it-talbiet u l-pretensjonijiet tal-attur fil-konfront tal-konvenut huma infondati fid-dritt u fil-fatt.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra, illi stante l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, din il-kawza thalliet ghall-provi u trattazzjoni dwar l-istess eccezzjoni, u kien hemm, ghaldaqstant, l-inverzjoni tal-provi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra:**

Ra x-xhieda ta' Dr Mary Debono Borg, fil-kwalita` taghha ta' Direttur Generali u Registratur tal-Qrati u Tribunali f'Ghawdex, fejn, mitluba tixhed dwar atti gudizzjarji inkluz ittri ufficjali li gew ipprezentati minn Mohammed Darwish fil-konfront ta' Anas Alahmad mill-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) sa dik id-data, hija tghid illi ittra ufficjali ma kienx hemm. Izzid tixhed illi l-avviz promotur li permezz tieghu gew inizjati l-proceduri odjerni kien gie pprezentat fl-erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021), u li skond ir-riferta, il-konvenut kien gie notifikat bl-istess fl-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023). Hija tikkonferma li dak prodott minnha kien dak li rrizulta bhala pprezentat fir-Registru tal-Qorti ta' Ghawdex biss.

Ra x-xhieda tal-attur, moghtija minnu fl-10 ta' Novembru, 2023, fejn xehed illi l-kawza odjerna tittratta ammont ta' flus dovuti lilu ghal xoghlijiet li saru lill-konvenut fir-Rabat, Ghawdex, u li dejjem kien ser jghidlu li ser ihallsu taghhom minn gimgha ghal gimgha, izda baqa' ma thallasx.

Jispjega in kontro-ezami illi l-post li fih saru x-xoghlijiet kien ir-Rabat, Ghawdex. Mistoqsi jekk dan ix-xoghol sarx fis-sena 2021 jghid illi iva, kien ilu xi sentejn jew izjed. Jghid li ma jiftakarx jekk kienx fil-bidu tas-sena.

In ri-ezami jixhed li seba' xhur li heles mix-xoghol, il-konvenut qallu mur ghamel li trid, mhux se nhallas.

Ra x-xhieda tal-konvenut, moghtija fl-istess seduta, fejn jghid illi lill-attur huwa m'ghandu jaghtih xejn.

In kontro-ezami jghid illi l-attur kien ghamillu xoghol, pero` mhux xoghol komplut. Jghid ukoll li ta' dan ix-xoghol hallsu zzejjed, u dan peress li, skont hu, meta wiehed iqis il-kejl u l-prezz tieghu, jirrizulta li kien hallsu zzejjed ghax ix-xoghol ma kienx

komplut. Izid jghid li l-attur kien talbu l-flus u huwa talbu l-hlas zejjed, stante n-nuqqas ta' kompletezza.

Mistoqsi fiex kien jikkonsisti x-xoghol jghid li kien xoghol ta' kisi, li sar fis-sena 2021.

Ra l-affidavit tal-attur, li permezz tieghu jispjega illi x-xoghol mertu ta' dan il-kaz sar fir-Rabat, Ghawdex, faccata ta' Rapa Showroom, u cioe` fil-blokk bini li jinsb fi Triq it-Tabib Anton Tabone, Victoria, Ghawdex. Jispjega li dan ix-xoghol sar fis-sena 2021 u dam sejjer sa madwar Awwissu tal-istess sena.

Jghid li ghall-bidu li kien jitlob il-flus lill-konvenut dejjem kien jghidlu li ser ihallsu u biex ikellmu iktar 'il quddiem. Jghid li wara li lestew mix-xoghol, kien thallas bicca mill-ammont u mhux kollox, bl-iskuza li ma kienx dovut lilu l-ammont mitlub. Jghid li dan kien madwar seba' xhur wara li tlesta x-xoghol.

Ra x-xhieda tal-attur in kontro-ezami, fejn ikkonferm li x-xoghol imwettaq minnu kien jikkonsisti f'kisi u zebgha.

It-Tribunal ser jghaddi issa biex jistharreg is-siwi o meno tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, imsejsa fuq il-perjodu ta' tmintax-il xahar, kif dedott mill-artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 2148 (a) igib l-estinzjoni tal-azzjoni bl-gheluq ta' tmintax il-xahar fil-kaz tal-azzjonijiet tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara, u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz tal-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu.

Jibda biex jinghad li f'kull kaz li titqajjem eccezzjoni tal-preskrizzjoni, huwa mehtieg li fl-ewwel lok jigi determinat minn mindu l-preskrizzjoni tal-azzjoni ghandha tibda titqies. Huwa dmir tat-Tribunal li jqis dan il-fatt krucjali, ghaliex meta tali data mill-provi mressqa ma tistax titqies, it-Tribunal irid awtomatikament jichad l-eccezzjoni.

Illi nghad ukoll li z-zmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b'riferenza ghall-azzjoni kif imfassla (Kollez. Vol.XLII.i.153). Fil-kaz li ghandu quddiemu t-Tribunal, jidher car li l-attur qed issejjes l-azzjoni tieghu ghall-hlas tal-prezz tax-xoghol tieghu, u ghalhekk jinghad li l-preskrizzjoni eccepita mill-konvenut taht l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili ghandha tigi mistharrga fid-dawl tal-azzjoni kif mibnija. L-artikolu 2148(a) jirriferixxi ghall-krediti ta' artefici li jipprestaw l-opera taghhom u mhux appaltatur tal-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew.

Illi hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni (Kollez. Vol.XLVIII.i.603). Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq *(Appell Civili, **AIC Guido Vella vs Nutar Emanuel Cefai**, 5 ta' Ottubru 2001)*. Jibqa' l-fatt li l-preskrizzjoni hija istitut li huwa proceduralment mehtieg daqskemm huwa odjuz, u

meta gudikant jigi mitlub jiddeciedi fuq eccezzjoni tal-preskrizzjoni, irid jasal ghall-fehma tieghu fuq fatti cari u mhux kongetturi. *[Prim'Awla, **Peter Montebello vs Peter Montebello et.**, 25 ta' Settembru, 2003].*

Minn ezami tal-atti processwali, jirrizulta li x-xoghol mertu ta' din il-kawza gie esegwit fis-sena 2021. L-Avviz tat-Talba gie pprezentat fl-4 ta' Novembru, 2021, sa liema data, allura, ix-xoghol certament li kien kompletat. Kif emerga mix-xhieda ta' Dr Debono Borg, u kif anke jirrizulta mill-atti, il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz tas-Smiegh fl-20 ta' Gunju, 2023, u cioe`, wara t-trapass tat-tmintax-il xahar. Ittri ufficjali ma rrizultax li kienu gew prezentati.

Mill-istess atti processwali ma jirrizultax li kien hemm rikonoxximent espress tad-debitu, u lanqas jista' jinghad li gie soddisfacentement ippruvat li kien hemm rikonixximent tacitu, stante li ma rrizultax li l-konvenut ghamel xi att li fih innifsu juri l-volonta` univoka li jirrikonoxxi d-dritt pretiz mill-attur.

Illi in vista tas-suespost, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-eccezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni timmerita li tigi akkolta.

Ghall-motivi premessi, dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni, u jiddikjara l-azzjoni attrici preskritta ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili. Bl-ispejjez kontra l-attur.

(ft.) Dr. Marsette Portelli Xerri
*Gudikant*

(ft.) Martina Axiak
*Deputat Reġistratur*